MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 366/2012

Il-Pulizija

vs

**Jacqueline Rapinett**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Jacqueline Rapinett quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli (a) fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar il-25 ta' Gunju, 2009, ghal habta tad-21.40hrs u ghal habta tal-22.10hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur ta' l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.

(b) talli saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

(c) talli kkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LLD nhar il-11 ta' Lulju, 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

2. (a) fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar il-11 ta' Awwissu, 2009, ghal habta tal-22.15hrs u tal-23.30hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew

ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal- Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.
(b) talli saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal- Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
(c) talli kkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LLD nhar il-11 ta' Lulju, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

3. (a) fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar it-2 ta' Awwissu, 2010, ghal habta tas-19.30pm u ghal habta tat-20.15pm, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.
(b) talli saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
(c) aktar talli kkommettiet reat waqt li kienet that ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LLD nhar il-11 ta' Lulju, 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

4. (a) fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar is-17 ta' Awwissu, 2010, ghal habta tas-20.35hrs u tal-23.45hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.
(b) talli saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qorti Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
(c) talli kkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LLD nhar il-11 ta' Lulju, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

5. (a) fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar it-30 ta' Awwissu, 2010, ghal habta tal-22.00hrs u ghal habta tal-23.30hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.
(b) talli saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

(c) talli kkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LLD nhar il-11 ta' Lulju, 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

6. fl-1 ta' Settembru, 2010 ghal habta tad-9pm fi Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa u matul il-gimghat precedenti, b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali.

7. fit-2 ta' Settembru, 2010 ghal habta tad-9.50pm fi Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa u matul il-gimghat precedenti, b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali.

8. fil-11 ta' Settembru, 2010 ghal habta tal-11.30pm fi Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, b'diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u aktar kienet liebsa mhux xieraq u indecenti fil-pubbliku.

9. (a) fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar l-10 ta' Jannar, 2011, ghal habta tad- 21.00hrs u ghal habta tal-23.30hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.
(b) talli saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-23 ta' Mejju, 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigu mibdula.
(c) talli kkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LLD nhar il-11 ta' Lulju, 2009.

10. (a) fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar l-14 ta' Frar, 2011, ghal habta tat-20.15hrs u ghal habta tal-23.50hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku

tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.
(b) talli saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

11. fit-18 ta' April, 2011, ghal habta tal-10pm u l-10.15pm fi Triq it-Tigrija, Marsa, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.

12. (a) fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar it-13 ta' Mejju, 2011, ghal habta tat- 20.50hrs u ghal habta tal-23.50hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.
(b) saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal- Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qorti Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.
(c) talli kkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LLD nhar il-11 ta' Lulju, 2009 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

13. fit-23 ta' Gunju, 2011 ghal habta tad-9.45pm fi Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur ta' l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

14. fil-25 ta' Awwissu, 2011 ghal habta tan-12.30am fi Triq Belt il-Hazna, Marsa, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur ta' l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u aktar talli offendiet il-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku

jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta' l-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

15. fis-27 ta' Settembru, 2011 ghal habta ta' 1 0.15pm fi Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur ta' l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

16. fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar it-28 ta' Settembru, 2011, ghal habta tas-19.00hrs u fl- 22.15hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.

17. (a) fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar il-21 ta' Ottubru, 2011, ghal habta tal-21.55hrs u nhar it-22 ta' Ottubru, 2011 ghal habta tas-01.20hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.
(b) talli saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija lilha mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

18. (a) fil-Marsa u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer nhar is-27 ta' Ottubru, 2011, ghal habta tan-00.45hrs u ghal habta tas-01.30hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligi ta' Malta.
(b) talli saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta’ Lulju, 2012 fejn il-Qorti b’sentenza wahda, fuq ammissjoni, l-imputata giet misjuba hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha u dan skont l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 209, 49 u 50 tal-istess Kodici Kriminali u ikkundannatha ghall-piena ta' sena u sitt xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jacqueline Rapinett tat-13 ta’ Lulju, 2012 fejn talab li din il-Qorti

joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirriduci l-piena ghal wahda anqas gravuza.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-esponenti ma kkontestatx dawn il-fatti izda jidhrilha li l-piena inflitta hija ezagerata tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u b'mod partikolari l-fatt li l-esponenti ammettiet il-kaz fi zmien inizjali tal-proceduri u deher car waqt it-trattazjoni tal-kaz li l-esponenti kienet u ghadha ntenzjonata li tbiddel hajjitha. Huwa minnu li l-esponenti ghaddiet minn perjodu xejn ezemplari pero' jidhrilha umilment li piena ta' sena u nofs prigunerija hija ezagerata u dan meta l-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 jistabbilixxi piena massima ta' 6 xhur. Tenut kont l-iskala tal-pieni, ir-recediva u il-kontinwazzjoni tar-reati, wiehed jirrejalizza li l-piena inflitta hija vicin hafna l-massimu.

Ghar-rigward tar-recediva, apparti li ma jidhirx li saret il-prova necessarja skont il-ligi, jigi rilevat li s-sentenza li saret referenza ghaliha nghatat fil-11 ta' Lulju, 2008 u ghalhekk, anke kieku saret il-prova, certament ma tapplikax ghall-akkuzi kollha u kull kaz l-esponenti presentement qed tiskonta piena ohra karcerarja li fiha din gja ittiehdet in konsiderazzjoni.

F'kazijiet simili kien hemm fejn gie applikat l-artikolu 23 u ohrajn fejn giet nflitta piena karcerarja ta' granet. L-esponenti jidhrilha li l-piena tmur ferm oltre n-normal.
L-esponenti tissottometti li l-kaz taghha huwa wiehed pjetuz u hija iddecidiet li tammetti l-akkuzi u mhux tkompli tikkombatti propju ghaliex ddecidiet li tbiddel hajjitha u di fatti qed issib hafna ghajnuna minn habib tajjeb (f'sens tajjeb) li qed jaghtiha l-appogg li ghandha bzonn. Wiehed ma jistghax jinsa li fiz-zmien tal-akkuza l-esponenti wkoll kellha problemi ta' droga, kif fil-fatt sar accenn fis-sentenza, u kulhadd jaf x'effett negattiv id-droga ghandha fuq il-volonta' tal-individwu li ghalkemm mhux necessarjament hija skuzanti, certament ghandha tittiehed in konsiderazzjoni.

L-esponenti jidhrilha li dawn huma fatturi ta' mitigazzjoni li ghandhom jigu applikati fil-konfront
taghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell hu limitat biss fuq il-piena. Gie accennat li l-appellanti ghandha problema ta' droga u tixtieq tbiddel hajjitha.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Mejju, 2015 din il-Qorti giet infurmata li l-appellanti bdiet programm ghar-riabilitazzjoni taghha kontra d-droga fl-14 ta' April, 2015. Dan hu programm residenzjali li ser jiehu madwar 15 il-xahar biex jigi fit-tmiem tieghu.

Illi tenut kont ta' dan il-fattur, din il-Qorti ser tilqa l-appell ta' Jacqueline Rapinett dwar il-piena.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet thassar u tiirevoka s-sentenza ta' tmintax il-xahar prigunerija fil-konfront tal-appellanti u minflok tikkundanna lill-appellanti ghal piena ta' sena prigunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tordna li tali piena ma ssehh jekk l-appellanti ma tikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali u tordna l-hrug Ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu ta' sentejn mil-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------